

Brussell, 4 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14155/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0239(NLE)

ACP 99
FIN 860
PTOM 13

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ottubru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 434 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tielet pagament parzjali għall-2024

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 434 final.

Mehmuż: COM(2024) 434 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.10.2024
COM(2024) 434 final

2024/0239 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond
Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tielet pagament parzjali għall-2024**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tielet pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jrid jitħallas mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ("FEŻ") fl-2024.

Il-11-il FEŻ u fondi oħra tal-FEŻ li għadhom miftuħin (jiġifieri d-9 u l-10 FEŻ) huma ġestiti skont il-ġabra ta' regoli li ġejja:

- (a) Il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹ (il-"Ftehim Intern" tal-11-il FEŻ);
- (b) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp² ("ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ");
- (c) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2233 dwar l-impenn tal-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp³;
- (d) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1223⁴ dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Id-dokumenti msemmija fil-punti minn (a) sa (d) fihom l-impenji pluriennali mill-partijiet biex jappoġġaw f'livell finanzjarju lit-teżor tal-FEŻ. Ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jipprevedi li jsiru kontribuzzjonijiet regolari mill-partijiet lit-teżor tal-FEŻ skont impenji finanzjarji determinati minn qabel. Il-kontribuzzjonijiet regolari jiskattaw minn Deċiżjonijiet tekniċi tal-Kunsill li jirriflettu l-implimentazzjoni ta' impenji finanzjarji deċiżi minn qabel.

Għaldaqstant, uħud mill-intestaturi fil-memorandum ta' spjegazzjoni mhumiex applikabbli għal sejħiet regolari għall-kontribuzzjonijiet, bħalma hija din.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

F'konformità mal-Artikolu 19(5) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar din il-proposta mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju wara li l-Kummissjoni Ewropea, li tagħxi f'isem l-Unjoni Ewropea, tippreżenta din il-proposta.

¹ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

² ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1-21

³ ĠU L 437, 28.12.2020, p. 188-191

⁴ ĠU L 188, 15.7.2022, p. 147

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tielet pagament parzjali għall-2024

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁵ u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877⁶ tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġa.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 19(5) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-10 ta' Ottubru 2024 li tispeċifika l-ammont tat-tielet pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2024.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp ("FEŻ") preċedenti. Għaldaqstant jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi għall-BEI u għall-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1877.
- (4) Skont l-Artikolu 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-ftehim dwar il-ħruġ"), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") jibqa' parti għall-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti li għadu mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-ftehim dwar il-ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta

⁵ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

⁶ ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1

⁷ ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17-38

dawk il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew FEŻ preċedenti, ma għandux jintuża mill-ġdid.

- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2586⁸ tiffissa l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2024 għal EUR 1 200 000 000⁹ għall-Kummissjoni, u għal EUR 300 000 000 għall-Bank Ewropew tal-Investment.
- (6) Sabiex il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammont tal-kontribuzzjonijiet li għandu jitħallas mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tielet pagament parzjali għall-2024 huwa b'dan stabbilit għal EUR 350 000 000. Dan għandu jitħallas kif ġej:

- (a) għall-Kummissjoni, EUR 250 000 000 u
- (b) għall-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), EUR 100 000 000.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investment bħala t-tielet pagament parzjali għall-2024, f'konformità mal-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁸ Id-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2586 tat-13 ta' Novembru 2023 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li jspecifika l-limitu massimu għall-2025, l-ammont annwali għall-2024, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2024 u previżjoni indikattiva, mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2026 u 2027

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 (ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.), l-Artikolu 20(5): "Meta jiġi applikat mgħax negattiv għall-kont imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mhux aktar tard mid-data tal-ħlas ta' kull pagament imsemmi fl-Artikolu 19, jikkredita l-kont b'ammont li jikkorrispondi għall-ammont ta' tali mgħax negattiv applikat sal-ewwel jum tax-xahar li jiġi qabel il-ħlas tal-pagament."